MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 246/2010

**H B**

**vs**

**S B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors tal-attrici H B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Frar 1994 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matromonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-kusens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi in effetti l-kontendenti zzewgu meta kellhom madwar ghoxrin sena biss meta zzewgu u t-tnejn li huma kellhom dipendenza assoluta fuq id-droga.

5. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i) Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Frar 1994.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk hu kontumaci.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-**attrici H B** xehdet permezz ta' affidavit. Xehdet illi fil-passat kellha problema kbira ta' droga. Tispjega illi meta darba kienet id-Detox xi hbieb kienu rrakkomandawla persuna li minghandu setghat tixtri d-droga. Dan kien il-konvenut. Tghid illi bdiet tmur tixtri d-droga minghandu kuljum u wara xi tlett gimghat talabha sabiex jiehdu d-droga flimkien. Tghid li bdiet tingibed lejh u bdew jiltaqghu kuljum u jqattghu hafna hin flimkien. Kien anke beda jaghtiha droga minghajr hlas.

Dak iz-zmien kienet bla flus u minghajr saqaf fuq rasha. Bdiet thares lejn il-konvenut bhala dak il-persuna li tista' ssolvi l-problemi li kellha dak iz-zmien. Cirka sentejn wara li saret tafu marret toqghod mieghu. Tlett xhur wara li bdiet toqghod mieghu skopriet li harget tqila. L-attrici tghid li b'dik l-ahbar ippanikjat u ma kinitx taf x'ser taghmel tenut kont tac-cirkostanzi taghha dak iz-zmien. Meta l-konvenut raha hekk offrielha li jizzewwigha u hi accettat mill-ewwel.

Tispjega illi ghaliha iz-zwieg kien ifisser harba mill-problemi li kienet ghaddejja minnhom dak iz-zmien. Hasset illi jekk tkun mizzewga kellha garanzija ta' saqaf fuq rasha u assistenza finanzjarja. Dak iz-zmien iz-zewg partijiet kienu imputati f'kawzi u ghalhekk bdiet tahseb illi jekk ikunu mizzewga kienu jkunu jidhru li qed irabbu l-ghaqal b'effett li jircevu piena forsi anqas severa.

Izzewgu meta l-attrici kellha tlett xhur tqala. L-attrici tghid li sa dak iz-zmien it-tnejn li huma kienu ghadhom jabbuzaw mid-droga.

Wara li zzewgu gew decizi il-kawzi li kellhom kontra taghhom. Il-konvenut gie kkundannat hames snin prigunerija u l-attrici tlett snin prigunerija. Peress li kienu mizzewgin lil xulxin kienu jithallew li jiltaqghu fil-habs.

Wara xi disa' xhur il-habs il-konvenut ittiehed gewwa l-Isptar Monte Carmeli minhabba ragunijiet relatati mas-sahha mentali tieghu. L-attrici marret tinvistah hemmhekk u ddecidiet illi tissepara minn mieghu sabiex tibni hajjitha mill-gdid.

Xehdet **Helen Bugeja,** li kienet mizzewga liz-ziju tal-attrici. Xehdet illi l-attrici kienet tiftah qalbha maghha peress li ma kelliex tfulija tajba. Tispjega kif l-attrici kellha problema serja ta’ droga u kienet tiehu kemm marijuana kif ukoll smach u dan minn mindu kellha erbatax-il sena.

*“Nghid li H ma kienetx taf lill-genituri taghha ghax kienu telquha minn meta kellha sitt xhur. H kienet tghix man-nannu taghha pero' meta kien ikollha problema dejjem kienet tigi ghandi ghaliex jiena kont nghinha u nifimha. In-nannu taghha kien diga' anzjan dak iz-zmien u ghalhekk ma tantx kellha sapport fuq dawn 1-kwistjonijiet.*

*Nghid li H kienet bdiet xi tlett programmi ta' riabilitazzjoni izda ma kompliet l-ebda wiehed minnhom. Hi kienet iltaqghet ma' Karmenu (l-intimat f'din il-kawza) u kienet iltaqghet mieghu ghax kienet tixtri d-droga minghandu. Dan meta kellha biss tmintax-il sena. Wara ftit xhur inqabdet tqila minnu u Karmenu kien qalilha li ma kienetx problema u li ghalhekk kien se jizzewwigha. Dak iz-zmien Karmenu kellu biss tnejn u ghoxrin sena. Hi ghamiet warajh ghax kien tal-flus minhabba f'dak li kien jinnegozja u hi ma kellha lil hadd u xejn hlief lilu pero' jien kelli l-limitazzjonijiet tieghi peress li kelli familja gdida. Hi ghalhekk kienet spjegatli li jekk taghmel hekk, u cioe tizzewweg lil Karmenu, kien jaqblilha ghaliex b'hekk kienet tkun se ssolvi diversi problemi. Ma kienx jibqghalha problemi ta' flus, u kellha tarbija gejja fid-dinja u jekk tizzewweg ma kienetx trabbiha wehidha.”*

Ikkunsidrat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

In tema legali ghandu jinghad illi l-Qrati nostrani kostantement irritenew illi “F’materja ta’ żwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta’ żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-

kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju." ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" Qorti tal-Appell – 6/11/1991).

L-attrici qed issejjes il-kawza minnha ntavolata fuq zewg sub-incizi tal-Artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg: Artikolu 19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikologika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieg. Artikolu 19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieg jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieg.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" (27/01/2006): "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cjoe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega. Illi s-sub-inciż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieg ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikologika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieg. Ta' min jenfasiżża hawn li l-ligi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieg jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieg. Illi rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inciż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li ż-żewg partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewga jew id-dritt għall-att taż-żwieg u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jigi enfasiżżat li nullita' ta' żwieg bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieg minħabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewg kawżali toħrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

Gie dikjarat illi "B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieg tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' sħiħa u

perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew oħra fiż-żwieg li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieg."[1] Intqal ukoll illi "Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." [2]

Ikkunsidrat.

Applikati dawn il-principji legali ghal kaz indizamina il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Huwa minnu li l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega u li allura huwa l-oneru tal-attrici illi tissostanzja dak minnha allegat fil-premessi u fix-xhieda taghha. Huwa minnu wkoll illi l-kontumacja tal-konvenut ma tistax tittiehed bhala sostenn ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Fil-fehma tal-Qorti il-provi imressqa mill-attrici huma skarsi wisq sabiex jintlahaq dak il-grad ta' prova necessarju in sostenn tal-premessi li fuqhom qed tigi msejsa din il-kawza. L-unika xhud li resqet l-attrici f'din il-kawza, apparti t-testimonjanza taghha stess, hija dik taz-zija tar-rispett taghha illi principalment xhedet li l-attrici kellha l-vizzju tad-droga fiz-zmien li zzewget. Ma tressqu l-ebda provi dwar l-istat mentali taghha. L-attrici ma tat l-ebda raguni ghaliex filwaqt li l-assistenta gudizzjarja iffissat diversi seduti sabiex l-attrici tressaq jew tharrek xhieda hija ripetutament naqset milli taghmel dan. F'cirkostanzi simili wiehed kien jistenna li jitressqu b'xhieda persuni professjonali li kienu qed jigu in kuntatt mal-attrici sabiex jixhdu dwar l-istat mentali taghha. Xhieda ohra rilevanti kienu membri tal-forzi tal-ordni illi allegatament resqu lill-attrici l-Qorti, ghalkemm l-akkuzi baqghu mhux maghrufa ghal din il-Qorti peress li lanqas kopja tas-sentenza ma giet ezebita. Pero' dawn il-persuni ma ssejjhux sabiex jaghtu t-testimonjanza taghhom u dan nonostante li fil-lista tax-xhieda tal-attrici insibu fost l-ohrajn (a) rapprezentanti tad-Detox; (b) ufficjali tal-pulizija; (c) rapprezentanti tal-Caritas, u ohrajn.

---

[1] "**Nicholas Agius vs Rita Agius**" :
[2] "**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**" (Appell – 15/11/2005)

L-attrici kellha wkoll kull opportunita’ li titlob in-nomina ta’ espert gudizzjarju sabiex jirrelata dwar l-allegazzjoni tal-attrici li kien hemm difett serju ta’ diskrezzoni ta’ gudizzju. Dan ukoll ma sarx.

Il-fatt wahdu li l-attrici kienet tiehu d-droga fiz-zmien li zzewget lill-konvenut ma hux bizzejjed sabiex jigi annullat zwieg. Jehtiegu wisq aktar provi sabiex jissostanzjaw il-premessa ta’ “difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju” jew il-premessa li z-zwieg kien qed jigi eskluz fil-mument li kien qed jinghata l-kunsens.

Fil-fehma tal-Qorti ma ngabux provi bizzejjed li jissostanzjaw sal-grad li trid il-ligi la l-premessa li l-kunsens tal-partijiet “kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju” u lanqas li xi hadd mill-partijiet jew it-tnejn kien qed jaghti l-kunsens “bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.”

Dan in-nuqqas ta’ provi jwassal lill-Qorti tiddeciedi illi l-attrici ma rnexxiliex tipprova sodisfacentement illi z-zwieg minnha kkuntrattat huwa null.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------